L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 13 ta' Settembru, 2002

**Ir-Re Eremita**
**(Minn ktejjeb "Il-Hrejjef ta' l-Unjoni")**

Fuq gzira li maghha kien ihabbat il-mewg mill-irjihat kollha, kien isaltan re. Dan kien jintasab flimkien mal-mexxejja tieghu, madwar mejda kbira. Imma darba gara, il-mejda tar-re ma qablitx flimkien. Il-mexxejja tkellmu b'ghadab bejniethom. Riedu jaraw jaghmlux pont minn mal-gzira ghal art akbar ftit 'il boghod.

Kien hemm min minnhom qal li l-pont kien tajjeb. U kien hemm min qal li l-pont kien hazin. In-nies kollha tal-gzira kienu jafu x'nies jghixu fuq in-naha l-ohra tal-pont. Kienu nies kwazi bhalhom, imma ma kinux jafu jekk jistghux jafdawhom bhal ma jafdaw lil huthom.

Fir-renju l-ghadab infirex u sahansitra l-inqas wiehed mis-sudditi ried jghid tieghu.  Bdew jishnu l-irjus. Min jiggieled ghall-pont u min ma jridux.

Sa fl-ahhar ir-re ntebah li kien hemm bzonn li l-mexxejja u s-sudditi, kollha kemm huma, jiddeciedu dwar jekk il-pont jinbenix jew le. Kull ma riedu n-nies ta' l-art il-kbira kien, li jekk il-gzira ckejkna tinghaqad mal-pajjiz il-kbir, il-kbir Re l-Ewwel, li tieghu kien ir-renju, jirrenja hu. In-nies tal-gzira c-ckejkna kienet tidhol meta trid fl-art il-kbira ndurata bid-deheb (ghalkemm ftit mid-deheb ma kienx ta' veru). Is-sajjieda setghu jitfghu x-xbieki taghhom fl-ibhra u johorgu fuqhom b'dghajjes kbar.

Setghu jiltaqghu ma' nies jitkellmu b'ilsna differenti u jqisu lilhom infushom f'darhom f'art wisq ikbar minn taghhom.

Ir-re ghaqli tal-gzira c-ckejkna intebah li dan l-ghadab ried johloq firda bejn nies il-gzira c-ckejkna u ried isib kif jiddeciedi ghat-tajjeb ta' kulhadd.

Qaghad bilqieghda wahdu fis-skiet jahseb. Hu kien ghejja jmexxi lill-pajjiz. Uliedu donnhom ma kellhomx triq facli quddiemhom.

Ghamel il-hsieb li kien lest li jcedi r-renju tieghu lir-Re l-Ewwel ta' l-art il-kbira.

Imbaghad, fl-ahhar, gewh zewg hsibijiet kbar.

L-ewwel li jibda jghodd l-irjus, wiehed wiehed u wahda wahda, sa l-inqas sudditu kellu jghidlu jekk iridx li jinbena l-pont. Kienet bicca xoghol kbira, m'ghandniex xi nghidu, izda kien lest li jaghmilha.

It-tieni hsieb kien, li jkellem lir-Re Eremita. Dan ir-re kien ir-re ta' qablu.

Kien imweggah minn kulhadd u ma kien imweggah minn hadd. Kien mexxa r-renju ghal zmien twil tul zghozitu. Imma kien intasab fuq rih il-muntanja bhal eremita ghall-kumplament ta' hajtu u kien jedha jhares lejn ir-renju mill-boghod u jarah jghix u jimrah bla xkiel.

Is-sudditi u l-mexxejja ta' madwar il-mejda, staghgbu bl-gherf tar-re u ghalenija qablu ma' hsibijietu.

L-ewwel li ghamlu s-sudditi li kienu kontra l-pont, inghaqdu bejniethom. Ghalkemm kien maghruf li r-Re Eremita kien re li emmen minn dejjem ta' dejjem li l-gzira ghandha tibqa' gzira, ma kienx qed

jitkellem. In-tnabar daqqew li, kif tghid l-istorja ghall-inqas, il-grupp ta' kontra l-pont fittex lir-Re Eremita, ghalkemm il-verità dejjem baqghet mistura minn velu ta' nofs veritajiet.

U ghalhekk, il-grupp ta' kontra l-pont iltaqa' mar-Re Eremita fuq rih il-muntanja.

Il-grupp ta' favur il-pont ukoll qalu li r-Re Eremita, imweggah minn kulhadd, u re qalbieni li kien heles lill-gzira minn xkiel il-hakkiema ta' l-imghoddi, kien sejhilhom ghal hdejh halli jkellimhom u jwiddibhom.

Iz-zewg gruppi ftahru u xandru, malli nizlu mill-muntanja, kemm ir-Re Eremita kien re gwejjed u jaghder u jahfer.

Imma r-Re Eremita kien ghamel il-hsibijiet tieghu. Is-sudditi kollha qalu taghhom. Kien ghad fadal li johrog jitkellem fil-berah, fuq rih il-muntanja, fejn jisimghu kulhadd.

Kulhadd kien herqan halli jkun jaf il-verità dwar x'kien jahseb ir-Re Eremita.

Imbaghad, wara l-ghajta tar-Re Eremita, ikun ghad baqa' biss biex jinghaddu l-irjus.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*